MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1196/1980/1

**Il-Perit Arkitett Joseph Barbara; Joseph Carbonaro, Lina mart John Zammit, u Carmen mart Paolo Galea, bhala eredi tal-mejjet Emanuele Barbara; Hector Barbara bhala ezekutur testamentarju tal-istess Emanuele Barbara; Hector Barbara, Angiolina *sive* Lilian mart Joseph Grima, Joseph Barbara, Teresa *sive* Tessie mart Edward Vella, Paul Barbara, Anthony Barbara, u Carmelina mart Wilfred Cassar, bhala eredi tal-mejjet Felice Barbara; u l-istess Hector Barbara, bhala mandatarju generali ta’ Giacomina *sive* Jamy mart Joseph Mifsud, assenti, eredi ohra ta’ Felice Barbara (l-istess Felice Barbara kien eredi ta’ Emanuele Barbara), u b’ digriet tal-11 ta’ Gunju 2009 l-atti gew trasfuzi f’ isem Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis *stante* l-mewt tal-Perit Arikitett Joseph Barbara.**

**vs.**

**Segretarju tal-War Damage Commission.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Ottubru 1980 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef J Herrera fejn gie premess:-

Illi l-attur AIC Joseph Barbara u l-mejjet Emanuele Barbara kienu ghamlu *"Claims"* lil *War Damage Commission* sabiex issir ir-rikostruzzjoni tal-proprjeta` taghhom 3-4-5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fishermen Street, Marsa.

Illi sallum il-Perit Joseph Barbara u l-atturi l-ohra (bhala aventi kawza ta' Emaneule Barbara) ghad ma irnexxilhomx jikkompletaw ir-rikostruzzjoni tal-istess proprjeta`, izda lahqu ghamlu parti mix-xoghlijiet rikjesti.

Illi l-Kummissjoni fl-1966 kienet iffissat il-"*permissible amount"* ghall-imsemmija rikostruzzjojni u dan ghamlitu a bazi tal-prezzijiet korrenti fl-1954/55 u mhux dawk korrenti fl-1966.

Illi skont l-**artikolu 19 (3) (ii) tal-War Damage Ordinance** n-nefqa xierqa ghandha tkun bazata fuq il-prezzijiet tal-irkaptu u r-rati ghall-hlas tax-xoghol *"li jkunu korrenti fis-suq meta x-xoghljiet ikunu ta' bilhaqq saru".*

Illi l-Kummissjoni wriet bic-car li mhix fi hsiebha tirrevedi l-*permissible amount* skont l-prezzijiet ta' meta giet ezegwita parti mix-xoghol u ta' meta sa jigu ezegwiti x-xoghlijiet li fadal.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-*permissible amount* fissat mill-*War Damage Commission* ghar-rikostruzzjonijiet tal-fondi fuq imsemmija ghandu jigi rivedut, ghax-xoghlijiet gja` ezegwiti, a bazi tal-prezzijiet korrenti fis-suq fiz-zmien meta x-xoghlijiet gew fil-fatt ezegwiti.

2. Tikkundannak sabiex taghmel l-imsemmija revizjoni.

3. F'kaz li inti tonqos li taghmel dan, tghaddi hija stess biex taghmel l-ismemmija revizjoni.

4. Tiddikjara li, ghax-xoghlijiet ta' rikostruzzjoni tal-istess fondi li ghad iridu jigu ezegwiti, l-*permissible amount* gja` stabbilit ghandu jigi rivedut abazi tal-prezzijiet korrenti fis-suq fiz-zmien meta x-xoghlijiet jigu fil-fatt ezegwiti.

5. Tikkundannak sabiex inti taghmel l-imsemmija revizjoni.

6. F'kaz li inti tonqos li taghmel dan, tghaddi hija stess biex taghmel l-imsemmija revizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 1990.

Rat il-verbali tas-seduti mill-15 ta' Dicembru 1980 sat-30 ta' Jannar 1986 fejn l-istess kienet qed tistenna ezitu ta' kawza kostituzzjonali.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Onorevoli Mhallef Victor Borg Costanzi mit-3 ta' Gunju 1986 sat-12 ta' Jannar 1991 fejn inghad li skont id-decizjoni Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Joseph Barbara vs Onor. Prim Ministru"** datata 9 ta' Ottubru 1990 is-Segretarju tad-Djar ghandu jaccetta

kwalunkwe notifika tal-atti gudizzjarji odjerni li jirrigwardaw materji rregolati mill-Ordinanza tal-1943 dwar il-Hsarat tal-Gwerra u dan bhala segretarju “ex officio” tal-Kummissjoni Dwar il-Hsarat tal-Gwerra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali datata 4 ta’ Lulju 1991 a fol. 46 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, illi huwa gie konvenut f'din il-kawza in forza ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta u fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, tad-9 ta’ Ottubru 1990 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "**Perit Arkitett Joseph Barbara vs Onor Prim Ministru noe**" (Rik. Kost. 91/80) u dan bhala parti mir-rimedju illi dik il-Qorti ghandha taghti lill-atturi wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Jannar 1989 fl-atti tal-istess kawza.

Huwa car illi *in vista* tal-**Att tal-1980 li jhassar l-Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra (Kap. 289 Vol. VI)** din l-Onorabbli Qorti ma tista’ qatt tilqa’ it-talbiet kif redatti fic-citazzjoni fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha izda l-istess talbiet iridu jigu kunsidrati mill-istess Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali biss ghall-fini li jigi ezaminat x'ghandu jkun ir-rimedju li ghandhom jinghataw l-atturi, jekk hemm lok ghalih, wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta’ Jannar 1989 fuq citata.

Illi ghaldaqstant l-esponent jeccepixxi illi din l-Onorabbli Qorti ghandha jew tichad it-talbiet tal-atturi *in vista* tad-disposizzjonijiet tal-**Kap. 289** jew tirrinvija l-atti tal-kawza lill-Qorti li ghandha tkompli tisma’ l-kawza kostituzzjonali fuq imsemmija sabiex dik il-Qorti tkun tista’ tikkunsidra t-talbiet tal-atturi u tara jekk hemmx lok li huma jinghataw rimedju ulterjuri ghall-pregudizzju li huma allegatament sofrew bil-promulgazzjoni tal-**Att XXIX tal-1980 (Kap. 289).**

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-karenza ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi *stante* li d-

disposizzjonijiet tal-**artikolu 24 tal-Ordinanza Nru. III tal-1943** kienu jistipulaw b'mod esklussiv il-mezzi legali ghad-disposizzjoni ta' min ikun irid jikkontesta determinazzjonijiet ta' valur maghmulin mill-Kummissjoni dwar il-hsarat tal-gwerra.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti milli tiehu konjizzjoni tal-azzjoni *stante* li din hija diretta biex tistieden lill-Qorti tezercita funzjoni amministrattiva f'lok wahda gudizzjarja billi tassumi l-inkarigu li tagixxi hi ta' Kummissjoni dwar il-hsarat tal-gwerra, u dan kuntrarjament ghal dak li tghid il-ligi.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess, illi kwantu (u jekk) diretta biex iggieghel lill-Kummissjoni dwar il-hsarat tal-gwerra taghmel xi pagament lill-atturi bhala konsegwenza ta' allegat fatt illecitu l-azzjoni hi preskritta fit-termini tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili**.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi kwantu diretta ghall-hlas ta' allegat kreditu l-azzjoni hi preskritta fit-termini tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili**.

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tal-atturi huma inattendibbli *stante* li imkien fic-citazzjoni ma huwa allegat illi xi decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-hsarat tal-gwerra kienet nulla u ma hemm xejn fil-ligi li jawtorizza lill-Qorti sabiex tordna lill-Kummissjoni dwar il-hsarat tal-gwerra tirrevedi decizjoni li hija tkun hadet validament.

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-operat tal-Kummissjoni dwar il-hsarat tal-gwerra fil-materja indikata huwa gust u skont il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali a fol. 49 - 51 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti taht l-istess Qorti kif hemm presjeduta sas-seduta tal-24 ta' Frar 1992.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Joseph Magri fejn fis-seduta tat-8 ta' Mejju 1992 (fol 74) Dr. Albert Ganado talab nomina tal-Perit Tekniku u b'nota pprezentata ssuggerixxa l-AIC Richard Aquilina; il-Qorti tat digriet u nnominat lil AIC Richard Aquilina; u l-verbal tat-18 ta' Frar 1994 (fol 77) fejn meta ssejhet il-kawza diversi drabi u anke fl- 4.00 p.m. la deher l-attur u lanqas l-avukat tieghu. Il-Qorti nnotat li l-kawza giet appuntata ghal din id-data fit- 3.15 p.m., u wara li rat l-**artikolu 199 (1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12** ordnat li din il-kawza tithassar minn fuq il-lista a spejjez tal-attur.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Perit Arkitett Joseph Barbara vs Onor. Prim Ministru"** datata 20 ta' Jannar 1989.

Rat ir-rikors tal-Perit Joseph Barbara A.I.C datat 28 ta' Frar 1994 a fol 78 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghat-trattazzjoni finali u decizjoni; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-18 ta' Marzu 1994.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali datata 20 ta' Mejju 1994 a fol 91 tal-process fejn eccepixxa: -

(1) Illi l-azzjoni proposta mill-atturi hija irritwali u inammissibbli billi l-attur ma jistax jimpunja d-decizjonijiet tal-Kummissjoni tal-Hsarat tal-Gwerra billi jadixxi l-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja. Fl-**artikolu 24 tal-Ordinanza tal-1943 dwar il-Hsarat tal-Gwerra** hemm regolat il-mod ta' kif l-attur seta' jappella minn decizjonijiet tal-Kummissjoni; cioe` jew quddiem il-*Board of Special Commissioners fil Land Valuation* fil-kazijiet imsemmija fl-istess ligi, jew inkella quddiem il-Qorti tal-Appell – specifikament fuq punt ta' dritt biss. Ghalhekk l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti

Civili m'ghandiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi l-kwistjonijiet sollevati mill-attur fl-azzjoni tieghu u dan kif l-esponent diga` rrileva fl-eccezzjoni numru 2 tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu prezentata fl-4 ta' Lulju 1991 (Dok "A").

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, kwantu intiza biex terga' tiftah id-diskussjoni dwar kwistjonijiet diga` decizi mill-Qorti tal-Appell jew ceduti quddiemha fil-kawza li huma elenkati fl-annessa lista Dok "B", l-azzjoni tal-attur hija ostata bl-awtorita` tar-*res iudicata.*

Salv u impregudikat kwalunkwe eccezzjoni ohra f'kaz ta' bzonn.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Arrigo fejn fis-seduta tal- 10 ta' Gunju 1994 (fol 107) il-partijiet qablu li kwalunkwe prova li setghet ingabret fil-kawza 510/71 ghandhom jghoddu wkoll bhala prova ghal din il-kawza. Qablu wkoll li n-nota li pprezenta Dr. Peter Grech ghandha tghodd ukoll ghall-kawza l-ohra 510/71. Dr. Fenech irtira n-nota pprezentata mill-konvenut, u talab lill-Qorti zmien biex jaghmel l-osservazzjoni tieghu sal-31 ta' Awwissu 1994.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Joseph Barbara datata 31 ta' Awwissu 1994 a fol 109 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 1994 Dr. Peter Fenech ghall-konvenut sostna li dawn il-proceduri huma irritwali *stante* li l-ligi tipprovdi li kontra l-*War Damage Commission* seta' jsir biss appell fuq punt ta' ligi u dan fil-fatt sar aktar minn darba. Mhux permess li l-*War Damage Commission* tigi attakkata fil-Prim'Awla. Dawn il-punti gew trattati u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Dicembru 1994 ghas-sentenza. Il-konvenut inghata zmien jaghmel nota tal-osservazzjonijiet ulterjuri sal-31 ta' Ottubru 1994 bir-risposta sat-18 ta' Novembru 1994.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut datata 10 ta' Ottubru 1994 a fol 113 tal-porcess.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-attur Joseph Barbara et datata 21 ta' Novembru 1994 a fol 117 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-22 ta' Dicembru 1994 fejn il-kawza giet deciza *in parte*.

Rat id-decizjoni *in parte* moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo (fol 124) datata 22 ta' Dicembru 1994.

Rta in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut datata 27 ta' April 1995 a fol 137 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti tieghu l-esponent jirrileva li *stante* li l-attur ma sofriex il-hsarat tal-gwerra in diskussjoni f'din il-kawza hu stess izda qieghed jagixxi fil-vesti ta' cessjonarju ta' drittijiet litigjuzi fit-termini tal-**artikolu 1483 tal-Kodici Civili** (billi huwa kien akkwista l-proprjeta` in kwistjoni fi stat diga` mwaqqa' minn ghand terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tal-20 ta' Mejju 1952 bil-prezz ta' Lm16000 li kien ikopri kemm il-prezz tal-proprjeta` kif ukoll dak tal-prezenti drittijiet litigjuzi) l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 1483 tal-Kodici Civili** u qieghed jiddikjara li l-ammonti li huwa diga` hallas lill-attur ghandhom jkunu in soddisfazzjoni tal-prezz veru tac-cessjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif provdut fl-imsemmi artikolu.

*Stante* li l-ammont diga` mhallas mill-War Damage Commission lill-attur ovvjament jeccedi bil-bosta il-prezz imhallas mill-attur ghall-proprjeta` in kwistjoni (inkuz kemm il-bini mwaqqa' kif ukoll id-drittijiet litigjuzi) u kull imghaxijiet u spejjez li jipprovdi ghalihom l-istess artikolu u d-drittijiet tal-attur naxxenti mill-imsemmija cessjoni ta' drittijiet huma llum estinti fit-termini tal-**artikolu 1483**.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ghall-konsiderazzjoni tal-periti datata 13 ta’ Novembru 1995 a fol 153 tal-process.

Rat ir-risposta tal-atturi ghan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut id-Diretur tal-Akkomodazzjoni Socjali datata 17 ta’ Jannar 1996 a fol 175 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-5 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2003 saret trattazzjoni mill-partijiet. Il-kawza giet differita ghat-30 ta’ Gunju 2003 ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet hemm indikati u cjoe’ l-preskrizzjoni fuq id-dispost tal-**artikolu 2153** u dik kontemplata fl-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** u dik bazata fuq l-**artikolu 1483 tal-istess Kap. 16.**

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2003 fejn inghatat sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet u l-kawza giet differita ghall-10 ta’ Dicembru 2003 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datata 15 ta’ Ottubru 2003 fejn cahdet l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni kemm skont id-dispozizzjoni tal-**artikolu 2153** u dik tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** u l-eccezzjoni bbazata fuq l-**artikolu 1483 tal-istess Kap. 16** (fol. 234).

Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Emanuel Barbara et vs Salvino Bugeja bhala Segretarju tal-War Damage Commission”** (Citazz. Nru. 510/1971) datata 12 ta’ Jannar 2007 (fol. 256) fejn cahdet l-ewwwel tliet talbiet attrici ghaliex preskritti skont id-

dispozizzjonijiiet tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u wkoll permezz ta' procedura ghal ritrattazzjoni decizi fit-2 Mejju 2008 mill-Qorti tal-Appell (fol. 297).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut datata 3 ta' Ottubru 2008 a fol 296 tal-process fejn eccepixxa: -

(1) Illi in kwantu din l-azzjoni qieghda titlob id-diskussjoni mill-gdid ta' mertu li diga` gie trattat fit-tul u deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Barbara et vs Salvino Bugeja bhala Segretarju tal-War Damage Commission"** (Citazz. Nru. 510/1971) u dan sahansitra mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-12 ta' Jannar 2007 u wkoll permezz ta' procedura ghal ritrattazzjoni decizi fit-2 Mejju 2008 mill-Qorti tal-Appell u dan senjatament dwar il-mertu rigwardanti l-proponibbilta` u l-preskrizzjoni ta' hlas ta' danni mhux kagunati b'reat, dwar liema mertu l-azzjoni odjerna tikkozza mal-awtorita` ta' *res iudicata* stabbilita permezz tal-imsemmija decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell.

Salv u impregudikat kwalunkwe eccezzjoni ohra f'kaz ta' bzonn.

Rat ir-rikors ta' Josephine Azzopardi (179376 (M)), Anna Maria Saddemi (numru ta' passaport 644084, Patricia Anastasi (198063 (M)) u Greta Bartolo Parnis (331365 (M)) datat 10 ta' Gunju 2009 a fol 323 tal-process fejn talbu lill-Qorti tordna li l-atti tal-kawza in kwantu jirrigwardjaw l-imsemmi l-mejjet AIC Joseph Barbara jghaddu, *a tenur* tal-**artikolu 806 tal-Kap. 12** f'isimhom, u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fil-11 ta' Gunju 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata 17 ta' Lulju 2009 a fol 325 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut annessa ma' rikors datat 13 ta' Ottubru 2009 a fol 328 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2009 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Noel Camilleri, Dr. Peter

Fenech u Professur Ian Refalo ghall-atturi u whud minnhom prezenti, u Dr. Peter Grech ghall-intimati. Id-difensuri tal-attur ma oggezzjonawx ghar-rikors tal-konvenut tat-13 ta' Ottubru 2009 u b'hekk il-Qorti laqghet it-talba kontenuta fl-istess rikors b'dan li n-nota ta' sottomissjonijiet tigi notifikata lid-difensuri tal-partijiet u l-atturi ghandhom jinnotifikaw in-nota taghhom lid-difensuri tal-konvenut. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett'ostacolo* ghall-25 ta' Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza li permezz taghha din il-Qorti qieghda tintalab tiddikjara u tirrevedi ammont, hekk imsejjah *permissible amount* stabbilit mill-Kummissjoni Dwar il-Hsarat tal-Gwerra ghax-xoghlijiet li saru jew kien ghad iridu jitwettqu fil-proprjeta` tal-attur wara hsarat illi saru fil-gwerra. Din il-Qorti qieghda tintalab ukoll tikkundanna lil din il-Kummissjoni tirrevedi dan l-ammont u fin-nuqqas illi ssir din ir-revizjoni, tghaddi din il-Qorti stess sabiex taghmel tali revizjoni.

Illi fil-fatt jirrizulta illi l-fondi illi ghalihom qeghdin isiru dawn it-talbiet huma l-proprjetajiet bin-numri 3, 4 u 5 Timber Wharf u 77, 78, 79 u 80 f'Fisherman Street fil-Marsa. Jirrizulta illi l-atturi kienu ghamlu *claims* quddiem il-Kummissjoni Dwar il-Hsarat tal-Gwerra sabiex isir 'l hekk imsejha *reinstatement* din il-proprjeta`. Fil-fatt, jidher illi l-atturi wettqu xi xoghol ta' rikostruzzjoni fil-proprjeta`. Isostnu illi ghar-rigward tar-rikostruzzjoni, il-Kummissjoni fl-1966 kienet iffissat il-*permissible amount* a bazi ta'

prezzijiet ta' xi 12-il sena qabel liema figura, isostnu l-atturi stess, kienet qieghda tigi kkontestata f'kawza ohra u cioe` dik fl-istess ismijiet bin-numru 510/1971. Jirrizulta li l-Kummissjoni rrifjutat illi tirrevedi l-istima li saret fis-sena 1966 ghal dik skont il-prezzijiet ta' meta effettivament sar ix-xoghol. L-atturi jibbazzaw it-talba taghhom fuq il-pretensjoni li skont huma, ghalkemm il-Kummissjoni kienet iffissat dan il-*permissible amount* fl-1966 a bazi tal-prezzijiet kurrenti fl-1954 u fl-1955, hija kienet obbligata illi tirrevedi dik is-somma skont l-**artikolu 19 (3) (ii) tal-Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra**.

Illi ghall-konvenut wiegeb id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali li ressaq numru ta' eccezzjoni kemm preliminari kif ukoll fil-mertu li uhud minnhom gew decizi permezz ta' decizjonijiet *in parte* li, ghall-finijiet ta' kompletezza u kjarezza, qeghdin jigu hawn elenkati:-

(1) Illi l-ewwel decizjoni preliminari mghotija kienet dik datata 22 ta' Dicembru 1994 (kopja tas-sentenza a fol. 124 *et sequitur*), fejn il-Qorti ddeciediet li hija ghandha kompetenza li tiddeciedi dwar dik li hija ghandha tkun in-nefqa xierqa skont dak li tipprovdi l-imsemmija **Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra**.

Illi f'din l-istess decizjoni, il-Qorti cahdet ukoll l-eccezzjoni ta' *res judicata* ghaliex rriteniet li l-punt mertu ta' din il-kawza ma kienx l-istess bhal dak indikati fis-sentenzi fl-ismijiet **"Emanuel Barbara et vs Podesta nomine"** (A.C. – 28 ta' Gunju 1956); **"Barbara vs Mallia nomine"** (A.C. – 20 ta' Mejju 1960); **"Barbara et vs War Damage Commission"** (A.C. – 2 ta' Gunju 1972); **"Barbara et vs Mintoff et"** (P.A. – 9 ta' Novembru 1972); **"Barbara et vs Bugeja et"** (A.C. – 9 ta' Frar 1973); **"War Damage Commission vs Barbara"** (A.C. – 25 ta' Novembru 1977); u **"Barbara vs War Damage Commission"** (A.C. – 27 ta' Frar 1978), b'dan ghalhekk li s-sentenzi citati ma jittrattawx l-istess mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk iddikjarat li effettivament l-ebda wahda minn dawn id-decizjonijiet ma trattat l-istess mertu li qieghed jigi kkunsidrat f'din il-kawza. L-istess decizjoni ddecidiet ukoll l-punt li din il-mertu ta' din il-kawza ma huwiex u ma jistax

jigi kkunsidrat bhala appell minn decizjoni tal-Kummissjoni.

(2) Illi permezz tat-tieni decizjoni preliminari datata 15 ta' Ottubru 2003 (a fol. 234 *et sequitur*), din il-Qorti wkoll diversament presjeduta cahdet ukoll l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut abbazi kemm tal-**artikolu 2153** u tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili** u l-eccezzjoni bbazata fuq l-**artikolu 1483 tal-Kodici Civili,** fejn inghad li abbazi tal-imsemmi cessjoni tad-drittijiet litiguzi hemm indikati gie eccepit illi l-ammont mitlub gie diga' mhallsa lill-atturi u ghalhekk ma kien dovut l-ebda ammont ulterjuri.

Illi ghalhekk ladarba dawn l-eccezzjonijiet gew sorvolati l-ewwel eccezzjoni li din il-Qorti ghandha issa titratta u tiddeciedi hija l-eccezzjoni ulterjuri l-ohra mressqa dan l-ahhar mill-Awtorita' konvenuta, fejn qed terga' tecceppixxi l-eccezzjoni ta' *res judicata* minhabba li qed jigi sostnut li l-mertu ta' din il-kawza gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Barbara et vs Salvino Bugeja bhala Segretarju tal-War Damage Commission"** (Citazz. Nru. 510/1971) li giet anke deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'sentenza tat-12 ta' Jannar 2007, u permezz ta' decizjoni fuq talba ta' ritrattazzjoni deciza fit-2 Mejju 2008 ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. B'hekk l-konvenut isostni li l-azzjoni attrici hija ghalhekk improponibbli ghaliex il-mertu gja gie deciz u ghadda in gudikat.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' *res judicata* issir riferenza ghas-sentenza **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (P.S.) – 6 ta' April 2005) fejn inghad li:-

*"In meritu ghall-kuncett tal-gudikat gie deciz illi, "kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza. Li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat" - "**Carmelo***

***D'Amato et -vs- Carmelo Camilleri****", Qorti Civili, Prim'Awla, per Imhallef J.R. Micallef, 10 ta' Jannar 2002;"*

Illi huwa ben stabilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe` dawk definiti bhala l-*"eadem causa petendi, eadem personam* u *eadem res"* u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali. Din l-eccezzjoni giet fil-fatt trattata diversi drabi mill-Qrati fejn kellhom l-okkazzjoni jittrattaw dawn it-tliet elementi fid-dettall. Jezistu diversi sentenzi illi rribadew dan il-kuncett fosthom **"Vincent Cilia vs L-Onorevoli Prim'Ministru et"** (Q.K.) – 28 ta' Jannar 2005); **"Edmea Pace vs Edward Pavia"** (P.A. – 3 ta' Lulju 2003); **"Doris Attard vs Julian Borg et"** (A.C. - 28 ta' Gunju 2001); **"Joseph Camilleri vs Lilian Mallia"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 1998); u **"Ignatius Bonello noe vs Godwin Pule` et"** (P.A. – 17 ta' Frar 1995).

Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' *res judicata* kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza (**"Paolo Azzopardi vs Paolo Abela nomine"** A.K. - 10 ta' Dicembru 1954; **"Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil"** (P.A. (RCP) – 26 ta' Gunju 2008).

Illi fis-sentenza **"Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et"** (P.A. (JRM) - 28 ta' Marzu 2003) intqal li:-

*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti………."*

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet* ***'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et',*** *Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal- "exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

Illi fis-sentenza **"Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et"** (P.A. (JRM) - 25 ta' Settembru 2003) gie riaffermat li:-

*"Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est)." (vide* ***"Joseph Camilleri vs Lilian Mallia" .***

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares incertezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibbilta` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni **("Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et"** (A.K. 5 ta' Novembru 1934).

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza.  Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et"** (P.A. (PS) 28 ta' Marzu 2003) gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat (*vide* Appell Civili, 7 ta' Marzu 1958). Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta *si tratta* minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza **("Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana"** A.C.  – 7 ta' Marzu 1958).

Illi dawn d-decizjonijiet huma kollha konferma ta' gurisprudenza konstanti ta' dawn il-Qrati, inkluz dak li gie *sottolineat* fis-sentenza **"Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited"** (P.A. (RCP) - 9 ta' Jannar 2002) anke ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fejn intqal li din ghandha *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-***Prof. Caruana Galizia*** f'**"Notes on Civil Law"** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based"* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi dwar l-*eadem personae*, fis-sentenza fl-ismijiet **"Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia"** (P.A. 13 ta' Frar 1958 – Vol. XLII.ii.917) il-Qorti qalet li *"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi

pero' dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali"* **("Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et" –** A.C. 2 ta' Lulju 1996 – LXXX.ii.804**).**

Illi fl-ahharnett f'kull kaz, kif affermat fis-sentenza **f'Vol. XXIX.i.1155,** *"nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*

Illi applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, jinghad is-segwenti:-

Illi dwar l-element ta' *"eadem causa petendi",* u cjoe' jekk il-kawzali u dak mitlub fiz-zewg kawzi huwiex identiku jinghad li fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Barbara et vs Salvino Bugeja bhala Segretarju tal-War Damage Commission"** Citaz. Numru 510/1971**,** it-talbiet kienu s-segwenti fis-sens li l-Qorti giet mitluba:-

*"...tiddikjara u tiddeciedi illi fil-fissazzjoni tal-'proper cost' ghax-xoghlijiet esegwiti mill-atturi, u li ghalihom m'hemmx prezzijiet tal-'Building Costs Board', il-Kummissjoni msemmija ma mxietx skont id-dettami tal-ligi, cioe tal-War Damage Ordinance 1943;*

*"Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont ta' Lm28,485 li ghalih waslet il-Kummissjoni bhala kumpens tal-hsarat li jifformaw il-meritu tal-'claim' imsemmija ghall-parti kompletament distrutta tal-fond fuq indikati hu grossolanament zbaljat u manifestament ingust";*

*Tiddikjara u tiddeciedi illi per konsegwenza, id-decizjoni tal-Kummissjoni hija 'ultra vires' u ghalhekk nulla; u*

*Ghal dawn il-finijiet ghaliex din l-istess Qorti m'ghandhiex tillikwida ghall-bzonn permezz ta' periti nominadi, id-differenza bejn is-somma ta' Lm28,458 li ghaliha waslet il-Kummissjoni, u dik is-somma li l-Kummissjoni kienet tasal ghaliha kieku mxiet skont il-ligi u adempiet sewwa d-doveri*

*taghha;*

*B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni, inkluzi l-interessi, kontra l-konvenut nomine u bl-ispejjez."*

Illi jirrizulta illi din il-kawza (510/19971) giet imsejsa fuq il-premessi li l-atturi, bhala propretarji tal-fondi 3 sa 5 Timber Wharf, u 77 sa 80 Fisherman Street fil-Marsa, u ssottomettew lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra zewg *claims* ghal kumpens skont il-ligi tal-hsara tal-istess fondi li sofrew b' azzjoni tal-Gwerra; li wahda minn dawn il-*claims* hija in rispett tal-parti mill-fondi msemmija li giet kompletament distrutta, u cioe` 3-5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fisherman Street Marsa, ghal liema hsara l-atturi kienu talbu, 'il fuq minn hmistax-il sena ilu, s-somma ta' hamsa u erbghin elef, mitejn wiehed u hamsin Liri Maltin u hmistax-il centezmu [Lm45,251.15]; li in segwitu l-prezzijet korrenti ta' materjal u manodopera zdiedu konsiderevolment; li fl-1966 il-Kummissjoni waslet ghall-figura finali komplessiva rigwardanti l-imsemmi 'claim' ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u hamsa u tmenin Liri Maltin [Lm28,485] biss; li bejn l-1965 u l-1968 l-atturi kkostruwew [mill-fondi kompletament distrutti] il-fondi 4-5 Timber Wharf u 77-78 Fisherman Street, Marsa u *nonostante* li ghad fadal hafna xoghol xi jsir, nefqu ghal dan l-iskop is-somma ta' sebgha u tletin elef mija u hamsin Liri Maltin [Lm37,150]; li l-konvenut irrilaxxja favur l-atturi s-somma ta' Lm28,485 u rrifjuta li jirrendi l-istima; li a bazi ta' din l-figura ta' Lm37,150 in-nefqa ghar-rikostruzjoni kompleta tal-parti mill-fondi li kienet giet kompletament distrutta tigi tqum kwazi sittin elf Liri Maltin [Lm60,000] u bl-awment ulterjuri tal-prezzijiet f'dawn l-ahhar snin, nefqa totali ta' hamsa u sittin elf lira [Lm65,000] hija aktar realistika; li skont l-**Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra** tal-1943 il-*cost of works payment* ghandu jkun ammont ekwivalenti ghal *proper cost* tax-xoghlijiet maghmula biex tissewwa l-hsara u dan skont l-**artikolu 19 (1) (2);** li ghal hafna mix-xoghlijiet ezegwiti mill-atturi ma kienx hemm prezzijiet iffissati mill-*Building Costs Board* u ghalhekk f' dan il-kaz il-*proper cost* huwa dak li hu xieraq billi jitqiesu l-prezzijiet tal-irkaptu r-rati ghall-hlas tax-xoghol li jkunu korrenti fis-suq meta x-

xoghlijiet ikunu gew attwalment ezegwiti, u cirkostanzi ohra rilevanti; li l-istima li saret mill-Kummissjoni tal-*proper cost*' hi manifestament ingusta u grossolanament zbaljata u ghal dawk il-partiti li ghalihom ma hemmx prezzijiet iffissati mill-Building Cost Board mhix bazata fuq dak li jordna l-**artikolu 19 tal-imsemmija Ordinanza** u specifikatament l-**inciz 3 (ii) tal-istess artikolu**; li b'dan il-mod il-Kummissjoni agixxiet in vjolazzjoni tal-ligi u abbuzat mill-poteri taghha b'mod li d-decizjoni taghha fil-fissazzjoni tal-massimu imsemmija hija *ultra vires* u soggetta ghar-revizzjoni.

Illi in kwantu ghall-azzjoni illi ghandha quddiemha din il-Qorti, l-atturi qeghdin jitolbu illi din il-Qorti tiddikjara li l-*permissible amount* iffissat mill-Kummissjoni konvenuta ghar-rikostruzzjonijiet tal-fondi 3-4-5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fishermen Street, Marsa ghandu jigi rivedut ghax-xoghlijiet gja` ezegwiti, a bazi tal-prezzijiet korrenti fis-suq fiz-zmien meta x-xoghlijiet gew fil-fatt ezegwiti. L-atturi qeghdin jitolbu wkoll sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jaghmel din ir-revizjoni u fin-nuqqas sabiex tghaddi din il-Qorti stess biex taghmel l-imsemmija revizjoni. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob ukoll illi ghax-xoghlijiet ta' rikostruzzjoni tal-istess fondi li ghad iridu jigu ezegwiti, il-*permissible amount* gja` stabbilit ghandu jigi rivedut a bazi tal-prezzijiet korrenti fis-suq fiz-zmien meta x-xoghlijiet jigu fil-fatt ezegwiti; ukoll jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat jirrevedi l-ammont u fin-nuqqas tghaddi din il-Qorti stess biex taghmel l-imsemmija revizjoni.

Illi jidher car illi l-kawzali taz-zewg kawzi hija essenzjalment l-istess u cioe` revizjoni tal-kumpens moghti mill-Kummissjoni lill-attur u dan peress li dak li l-atturi qed jitolbu fiz-zewg kawzi huwa li jigi ddikjarat li l-kumpens moghti skont l-istess Ordinanza ghandu jigi ddikjarat li ma sarx skont il-ligi ghaliex ma giex ibbazat fuq l-valur ta' meta gew jew ser jigu esegwiti l-istess xoghlijiet, u ghalhekk f'din il-kawza hemm talbiet sabiex l-istess Kummissjoni terga' tirrevedi l-istess ammonti minnha ffissati din id-darba ibbazati fuq il-valur ta' meta saru x-xoghlijiet u fejn dawn ghadhom ma sarux fuq il-valur ta'

meta jsiru l-istess xoghlijiet. Fin-nuqqas li l-Kummissjoni taghmel dan, il-Qorti ghandha taghmel dan minflokha.

Illi fil-kawza li giet deciza qed jigi allegat li l-kumpens li gie moghti ma kienx skont ir-regoli ndikati fl-istess Ordinanza u ghalhekk inghad li l-istess Kummissjoni agixxiet *ultra vires u* allura saru talbiet sabiex tali kumpens moghti jigi mizjud bil-kumpens verament dovut skont l-istess Ordinanza u in partikolari li jinhadem skont id-dispozizzjonijiet tal-istess Ordinanza, u fil-fatt inghad li l-Kummissjoni kienet obbligata illi tirrevedi dik is-somma skont l-**artikolu 19 (3) (ii) tal-Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra**, u fin-nuqqas li jsir dan li dan il-kumpens kif kellu jinhadem skont l-istess Ordinanza, ghandu jkun stabbilit mill-Qorti.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li n-natura taz-zewg kawzi hija l-istess u t-talbiet ghalkemm maghmula b'mod differenti jwasslu ghall-istess mertu, u cjoe' li l-ammont li gie likwidat mill-imsemmija Kummissjoni kien zbaljat ghaliex ibbazat skont valur ta' xoghlijiet differenti minn dak ezistenti meta sar ix-xoghol jew meta ser issir ix-xoghol, b'dan li qed tintalab revizzjoni tal-istess kumpens likwidat, b'dan li dan jizdied jew jinbidel ghall-kumpens stabbilit allegatament abbazi tal-istess Ordinanza, imkejjel fuq id-data meta jsiru jew saru l-istess xoghlijiet, u li fuq din il-bazi l-istess kumpens ghandu jigi rivedut mill-imsemmija Kummissjoni u fin-nuqqas mill-Qorti, kollox a bazi tal-provedimenti opportuni tal-imsemmija Ligi.

Illi tenut kont ta' dan kollu l-fatti li saru riferenza ghalihom mill-partijiet fiz-zewg kawzi huma identici, kif ukoll l-artikoli tal-Ordinanza msemija li saret riferenza ghalihom, u dan peress li dak li qed bazikament jintalab fiz-zewg kawzi huwa revizzjoni tal-kumpens likwidat bhala valur tax-xoghol ta' rikostruzzjoni tal-fondi ndikati mill-Kummissjoni, li ghandu jigi bbazat mhux fuq id-data uzata mill-istess Kummissjoni sabiex illikwidat l-istess ammont, izda fuq id-data ta' meta saru jew fil-kaz li ghad irid isiru, tad-data ta' esekuzzjoni ta' l-istess xogholijiet, b'dan li fiz-zewg kawzi qed jintalab li l-istess Kummissjoni taghmel l-istess revizjoni, kif hija obbligata li taghmel skont l-istess

Ordinanza u fin-nuqqas tali revizzjoni ghandha ssir skont l-istess ligi minn din il-Qorti.

Illi huwa sintomatiku li fis-sentenza citata tat-12 ta' Jannar 2007, l-Onorabbli Qorti tal-Appell stess, fil-kawza 510/1971, irriteniet illi l-mertu taz-zewg kawzi u cioe` ta' dik hawn citata u ta' dik odjerna huma identici tant li ghamlet riferenza kontinwa ghall-kawza odjerna, u mhux l-inqas ghad-decizjoni *in parte* f'din il-kawza datata 15 ta' Ottubru 2003 fejn giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2153, eccezzjoni li minflok giet milqguha fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar 2007.

Illi fil-fatt iz-zewg kawzi mxew ukoll flimkien u kien ghalhekk li fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 1994, fil-process tal-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Barbara et vs Salvino Bugeja"** (Citaz. Nru. 510/1971), gie verbalizzat illi *"il-partijiet jaqblu li kwalunkwe prova li setghet ingabret fil-kawza 510/71 (recte 1196/80) ghandhom jghoddu ghal din il-kawza. Jaqblu wkoll li n-nota li pprezenta Dr. P. Grech ghandha tghodd ukoll ghall-kawza l-ohra i.e. 510/71."* Fis-seduta tal-10 ta' Gunju 1994 fil-process 1196/80 gie wkoll verbalizzat illi "Il-partijiet jaqblu li kwalunkwe prova li setghet ingabret fil-kawza 510/71 ghandhom jghoddu wkoll ghal din il-kawza. Qablu wkoll li n-nota li pprezenta Dr. Peter Grech ghandha tghodd ukoll ghall-kawza l-ohra i.e. 510/71.

Ghalhekk in kwantu ghall-kawzali u t-talbiet fiz-zewg kawzi, din il-Qorti hija sodisfatta illi huma identici u li jkopru l-istess mertu u jwasslu ghall-istess ezitu u dan peress li jirrizulta li t-talbiet f'din il-kawza u dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ewwel kawza hemm impossibbilta` ta' ko-ezistenza, u dan fuq il-bazi tal-principju li l-eccezzjoni ta' *res judicata* tapplika wkoll meta parti tippretendi li tista' tinnewtralizza l-effikacja ta' gudikat billi tippromuovi proceduri li huma diametrikament opposti ghal dawk tal-gudikat (**"Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Limited" –** P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002). F' dan il-kontest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dr. Jose` Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine"** (A.K. – 9 ta' Ottubru 1992 –

Vol XXX.i.131) fejn gie affermat li hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kaz ghalkemm forsi distint minn dik tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga jew il-punt kontrovers ikun l-istess, citata fil-kawza fl-ismijiet **"Care Services Limited vs Mario Muscat u Alfred Vella."** (Q.M. (C.S.H.) 26 ta' Mejju 2009).

Illi fil-fatt l-effett tat-talbiet odjerni huma dawk li jinnewtralizzaw u jmorru kontra dak li gie deciz fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell mertu ta' din l-eccezzjoni ulterjuri, u effettivament dak li gie deciz fl-ewwel sentenza jimpingi u huwa fatali ghal dak li huwa l-mertu ta' din il-kawza, u dan peress li z-zewg kawzi, qed jippretendu li l-ezercizzju li ghamlet il-Kummissjoni hemm imsemmija sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut skont l-istess Ordinanza ma kienx maghmul skont l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, ghaliex gie stabbilit il-valur ta' xoghlijiet mhux fuq dak li tipprovdi l-istess **Ordinanza III tal-1943** u senjatament skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (3),** izda fuq konsiderazzjonijiet ohra, u allura effettivament dak li qed jintalab fiz-zewg kawzi huwa li l-Kummissjoni tirrevedi l-istess stimi u kumpens moghti u fin-nuqqas dan jigi stabilit mill-Qorti.

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li l-effett tal-istess sentenza huwa identiku, u allura li ssir revizzjoni tal-ammont indikat mill-Kummissjoni abbazi tal-istess disposizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza skont valur tad-dati meta sar jew kien ser issir ix-xoghol. Fil-fatt fis-sentenza tal-Ewwel Qorti fic-Citaz. Numru 501/71 datata 15 ta' Ottubru 2003 dan gie milqugh ghaliex gew milqugha l-ewwel tliet talbiet attrici, mentri t-talba sabiex fin-nuqqas dan l-ammont jigi stabbilit mill-Qorti giet deciza bis-sentenza fl-istess kawza tat-22 ta' Marzu 1976 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Illi ghalhekk is-sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2003 fuq l-ewwel tliet talbiet attrici, hija simili u identika fil-mertu ghall-ewwel, it-tieni, r-raba' u l-hames talba attrici f'din il-kawza, mentri r-raba' talba attrici fis-sentenza michuda tat-22 ta' Marzu 1976 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza l-ohra, hija simili

ghat-tielet u s-sitt talba f'din il-kawza, fejn l-Qorti qed tintalab sabiex tiffissa hija l-istess somom.

Illi in kwantu ghat-tieni rekwizit ta' *eadem personam,* kif inghad iktar 'il fuq, jehtieg illi fiz-zewg kawzi jkun hemm l-istess partijiet sabiex l-eccezzjoni tirnexxi. Dwar dan l-element huwa car, u ma jidhirx illi huwa kkontestat, illi l-partijiet kemm fil-kawza odjerna (Citaz. Nru. 1196/1980) u kemm f'dik indikata mill-konvenut (Citaz. Nru. 510/1971) huma identici. Fil-fatt il-partijiet fiz-zewg kawzi huma l-ahwa Emanuel Barbara u l-Perit Joseph Barbara, li wara l-mewt taghhom dahlu flokom l-eredi taghhom tant li l-atti gew legittimati billi gew trasfuzi f'isem l-istess eredi. Il-konvenut ukoll fiz-zewg kawzi huwa s-Segretarju tal-Kummissjoni Dwar il-Hsarat tal-Gwerra. Ghalhekk anke dan it-tieni rekwizit jissussisti.

Illi in kwantu ghat-tielet element dak ta' *"eadem res"* u cioe` l-identita` tal-oggett fiz-zewg kawzi, jinghad illi f'din il-kawza, ir-revizjoni tal-ammont likwidat mill-Kummissjoni u li gie kontestat f'dawn iz-zewg kawzi u li tieghu qed tintalab revizzjoni abbazi tal-valur fid-data ta' meta saru effettivament jew ser isiru l-istess xoghlijiet, dejjem skont l-atturi, abbazi ta' dak li tipprovdi l-istess Ordinanza, jirrigwarda l-propretajiet numri 3 sa 5 Timber Wharf, Marsa u 77 sa 80 Fisherman Street, Marsa, ilkoll proprjeta` tal-atturi. Illi fil-kawza 510/1971, l-ilment ukoll jirrigwarda l-kumpens moghti fuq dawn l-istess imsemmija proprjetajiet ukoll fuq l-istess bazi ta' kif gie komputat l-istess ammont likwidat l-istess kumpens, li skont l-atturi ma kienx konformi ma' dak li tipprovdi l-istess Ligi fuq il-valur ta' meta saru jew ser isiru l-istess xoghlijiet ta' rikostruzzjoni fuq l-immobbli medessimi. Din il-Qorti tosserva illi t-talbiet huma cari fil-kawza 510/71 – tant li permezz tat-tieni talba taghhom, l-atturi talbu lill-Qorti tirrevedi l-ammont ta' LM28,485 li l-Kummissjoni kienet illikwidat ghall-hsarat wara *claim* illi saret mill-atturi ghall-fondi illi gew kompletament distrutti u cioe` 3,4 u 5 Timber Wharf u 77, 78, 79 u 80 Fisherman Street Marsa. Huwa skorrett illi jinghad illi iz-zewg kawzi jitrattaw ambjenti differenti meta jirrizulta car mill-provi u mill-atti dwar liema ambjenti qed jintalab ir-revizjoni tal-kumpens ghalihom, li

huma l-istess fiz-zewg kawzi. Dan jirriuzulta wkoll mill-kontenut tac-citazzjoni odjerna u minn dak li hemm fic-citazzjoni l-ohra, li giet spjegata fis-sentenza tal-Qorti tal-Apelll citata tat-12 ta’ Jannar 2007 fejn f’pagna 4 ssir riferenza ghall-fondi 3-4-5 Timber Wharf, u 77-78-79-80 Fishermen Street, Marsa (paragrafu 3 ta’ fol. 4 tas-sentenza – fol. 259 tal-process). Ghalhekk anke dan l-ahhar tielet element jissussisti u din il-Qorti ghalhekk tinsab sodisfatta illi l-eccezzjoni tal-gudikat hija fondata.

Illi b’referenza ghas-sottomissjonijiet tal-atturi fejn gie sostnut illi fil-kawza 510/71, il-Qorti llimitat ruhha ghal kwisjtonijiet ta’ preskrizzjoni u f’din il-kawza, l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni diga` giet deciza u michuda u ghalhekk, din il-Qorti issa m’ghandhiex terga’ tiftah din l-eccezzjoni, din il-Qorti ma tistax twarrab l-eccezzjoni tal-gudikat fuq din il-bazi meta jirrizulta bic-car illi l-mertu ta’ din il-kawza diga` gie deciz u trattat f’kawza ohra u cioe` dik deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta’ Jannar 2007 (ara wkoll ritrattazzjoni tat-2 ta’ Mejju 2008 fl-ismijiet **“Emanuele Barbara et vs Salvino Bugeja”)** . Dan huwa assodat mill-fatt li fis-sentenza deciza l-ewwel Qorti kienet dahlet fil-mertu tat-talbiet attrici, u dan billi kienet fl-ewwel lok laqghet l-ewwel tliet talbiet attrici, u kien biss bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tali talbiet gew michuda ghaliex giet accettata l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 12,** u wkoll l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kienet cahdet ir-raba’ talba attrici (ekwivalenti ghat-tielet u s-sitt talba f’din il-kawza) u dan permezz ta’ sentenza taghha datata 22 ta’ Marzu 1976. F’dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **“Giovanni Grima vs Victor Fava et”** (A.C. – 26 ta’ Mejju 1967) fis-sens li d-dispositiv tas-sentenza ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi, u dan ghaliex sabiex tigi riskontratata x’inhi verament il-portata u l-mertu tas-sentenza wiehed irid jiehu konjizzjoni ta’ dak li huma l-premessi u t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet sollevati, *“ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armoina con la motivazione la quale e’ anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorge in gudicato”* (**“Farrugia Gay vs Farrugia” –**

**Kollez. Vol. XXIV.i.157; "Debono vs Mathews"** (A.C. – 24 ta' Ottubru 1966)

Illi fit-tieni lok jinghad ukoll li anke meta kkunsidrat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153,** l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet referenza cara ghas-sentenza f'din il-kawza dwar l-istess artikolu tal-preskrizzjoni, allura ecceppiet f'din il-kawza, liema sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003 kien cahdet proprju din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u hawn issir riferenza ghal dak li sostniet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar 2007 f'ahhar paragrafu f'pagna 21 sa pagna 23 tal-istess (fol. 276 – 278) u ghalhekk lanqas fuq din il-bazi s-sottomissjoni tal-atturi ma hija korretta.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi ghandha taghmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar il-mertu tal-kawza.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni **ulterjuri tal-konvenut** ta' *res judicata* kif imressqa fin-nota ta' eccezzjoni ulterjuri datata 3 ta' Ottubru 2008 ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk **tichad it-talbiet attrici** ghaliex improponibbli kif hawn deciz ghaliex milquta bl-imsemmija eccezzjoni ta' **res judicata** kif hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------